MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2006

Numru. 405/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Joseph Galea bin Peter Paul u Loreta nee' Cutajar, imwieled fis-16 ta' Gunju, 1963 u residenti 'Anatana', Cordina Street, Ghajnsielem, Ghawdex. Detentur tal-karta tal-identita' numru 29363 (G)**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **JOSEPH GALEA** gie mressaq quddiemha u akkuzat talli matul dawn il-granet u fit-tlettax (13) ta' Lulju 2005 ghal habta tal-hdax ta' fil-ghodu

(11:00a.m.) fir-'Rexy Restaurant' ta' Mgarr Rd, Ghajnsielem:-

1. zamm il-kodita sanitarja li tikkomunika direttament ma' kamra li fiha jinhazen, jigi processat jew jintmess l-ikel.

2. naqas li jipprovdi ventilazzjoni adattata u sufficjenti, naturali jew mekkanika fit-toilets jew ante-room tat-toilets tal-pubbliku.

Semghet lil Aldo Portelli jixhed bhala xhud tal-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi jirrizultaw pruvati u l-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah mija u hamsin lira Maltija (Lm150) multa, komplessivament ghaz-zewg akkuzi.

Peress li l-Prosekuzzjoni mhix qed tinsisti fuq l-applikazzjoni ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 449, il-Qorti mhix ser tordna l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------